MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-22 ta' Marzu, 2006

Appell Civili Numru. 477/2004/1

**Sea Bank Catering Company Limited**

**vs**

**Ghassan Aboulezz**

**Il-Qorti,**

Fit-13 ta' Ottubru 2005 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal

Ra l-Avviz li fih is-socjeta' attrici talbet il-hlas ta' tmien mija u ghaxar liri Maltin u tlett centezmi (Lm810.03c) rapprezentanti danni kkagunati mill-konvenut a dannu tas-socjeta' attrici fil-kors ta' l-esekuzzjoni ta' xoghlijiet li l-konvenut gie mqabbad mill-istess socjeta' attrici sabiex jaghmel fil-lukanda Seabank Hotel.

F'din il-kawza l-konvenut ma pprezenta l-ebda Risposta billi din il-kawza nstemghet mal-kawza 447/04PM fl-ismijiet inversi fejn Ghassan Aboulezz talab is-somma ta' disa' mija u hamsin lira Maltin (Lm950) rapprezentanti l-bilanc dovut lilu mis-socjeta' Sea Bank Catering Company Limited ghax-xoghol li ghamel.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra x-xhieda ta' Arthur Gauci li huwa Group Financial Controller tas-socjeta' attrici fejn jikkonferma li l-konvenut kien imqabbad mis-socjeta' attrici sabiex jaghmel xi xoghol fis-Seabank Hotel.

Jghid li s-socjeta' attrici kienet sabet xi xoghol hazin milli ghamel il-konvenut u dana kif jidher fir-rapport minghand il-perit.

Jghid ukoll li kien hemm xi drabi fejn Raymond Debono kien ilmenta fuq ix-xoghol li kien qed jaghmel il-konvenut.

Hadd ma kien infurmah li l-konvenut kellu jahdem hekk minhabba xi pipes.

Ra x-xhieda ta' Raymond Debono li huwa Direttur tas-socjeta' attrici. Jikkonferma li l-konvenut kien ghamel xoghol differenti minn kif kienet qaltlu s-socjeta' attrici.

Jghid illi l-qisien ta' l-i*skirting* gol-kmamar tal-banju ma kienx l-istess, kien hemm ukoll xi livelli tal-hajt mal-madum ma kienux jaqblu u l-*grouting* tal-bathrooms tal-kmamar ma kienux imnaddfa tajbin.  Ghalhekk kienu gabu xi nies ohra biex jirrangaw dawn ix-xoghlijiet.

Debono jghid illi s-socjeta' attrici kienet infurmat lill-konvenut li l-i*skirting* ma kienx gej tajjeb u hu kien qal li ser jirranga fl-ahhar.  Jichad illi accetta x-xoghol kif kien. Jghid li kien induna bl-izbalji li ghamel il-konvenut meta hu lesta mix-xoghol.

Ra x-xhieda tal-Perit Pierre Farrugia li kien gie nkarigat sabiex jara x-xoghol fis-Seabank Hotel u jikkonferma r-

rapport. Jikkonferma li l-i*skirting* ma kienx jaqbel u l-*grouting* ta’ bejn it-*tiles* ma kienx imnaddaf sew. Jikkonferma wkoll illi l-i*skirting* ma kienx gholi kif suppost u biex tirranga dan trid tnehhi l-madum li l-konvenut kien ghamel.

Il-Perit Farrugia qal li hu mhux responsabbli sabiex ikejjel ix-xoghol li kien ghamel il-konvenut.

Ra x-xhieda tal-konvenut fejn jikkonferma li s-socjeta’ attrici kienet hallset ammont pero’ baqa’ bilanc ta’ disa’ mija u hamsin lira Maltin (Lm950) ghax-xoghol li ghamel fis-Seabank Hotel.

Jghid illi l-perit tas-socjeta’ attrici kien qed ikejjilu x-xoghol. Jghid ukoll illi s-socjeta’ attrici qatt ma kienet taghtu spjegazzjoni ghaliex ma tridx thallsu. Jerga’ jghid illi mhux perit kien dak li jkejjel.

Jikkonferma li hu kien jaghmel ix-xoghol skond ma tghidlu s-socjeta’ attrici. Jichad li kienu qalulu li x-xoghol kien gej hazin.

Jghid illi hu kien ghamel il-borduri f’livell differenti minhabba li kellu bzonn jghaddi ‘l fuq mill-pipe ta’ l-ilma. L-i*skirting* fil-kamra tal-banju ghamel l-istess *skirting* gholi ghaliex hu kien wahhal il-materjali li tawh is-socjeta’ attrici.

Ra xhieda ohra ta’ Arthur Gauci fejn jikkonferma li s-socjeta’ attrici ghandha taghti lill-konvenut is-somma ta’ erba’ mija w erbgha u disghin lira Maltin (Lm494) izda l-istess konvenut kien ghamel xoghol hazin. Jghid li s-socjeta’ attrici kienet ghamlet xoghol riparattiv.

Ghassan Aboulezz naqas li jesebixxi prospett spjegattiv dwar kif wasal ghall-ammont ta’ disa’ mija u hamsin lira Maltin (Lm950) u naqas li jipprezenta rapport ta’ perit dwar ix-xoghol li ghamel.

Illi fil-kawza Darmanin Vs Agius - 323/02PS Appell Inferjuri 6/10/2004 intqal kif gej:

1. Bhala l-ewwel principju huwa dottrinalment u gurisprudenzjalment ricevut illi l-appaltatur ghandu l-obbligu li jesegwixxi x-xoghol lilu kommess fis-sens li huwa ghandu l-obbligu wkoll li jara li dan ix-xoghol ikun sejjer isir utilment u mhux b'mod li 'l quddiem juri difetti … Dan fis-sens li hu "ghandu jiggarantixxi l-bonta' tax-xoghol tieghu" (Kollez. Vol XL pI p485).

2. L-appaltatur li jesegwixxi hazin ix-xoghol li jifforma l-oggett ta' l-appalt huwa responsabbli ghad-dannu kollu li jigi minn dik l-esekuzzjoni hazina…ghandu mill-ewwel ma jaghmilx ix-xoghol jew ikollu jirrispondi ghad-difetti li jigu 'l quddiem.

3. Dan hu hekk avolja jkun hemm l-approvazzjoni tax-xoghol (Kollez. Vol XLI pI p667) jew l-appaltatur ikun mexa skond l-ispecifications jew l-istruzzjonijiet lilu moghtija mill-kommittent. "E' dovere dell'appaltatore di resistere ad ordini che egli vedesse pregiudizievoli alla solidita' e contrarii alle buone regole dell'arte" (Kollez. Vol XXV pI p727)…"l-appaltatur hu obbligat u hu dejjem responsabbli li jaghti lill-appaltant opra sodisfacenti, u ma jistax jallega li x-xoghol sar mhux sewwa ghax hu ghamlu kif ried il-kommittent, billi l-appaltatur hu obbligat jirrezisti ghal kwalunkwe intromissjoni tal-kommittent" (Kollez. Vol XLII pII p1003).

4. Huwa pacifiku wkoll illi l-hlas tal-prezz ta' l-appalt jew il-hlas akkont ma jfissrux necessarjament approvazzjoni tax-xoghol jekk dan fil-fatt jirrizulta difettuz (Kollez. Vol XLI pII p892).

5. Meta allura jirrizultaw dawn id-difetti...l-appaltatur jitqies in kolpa minhabba inadempiment. "Il-kolpa kontrattwali hija dik li tikkonsisti fin-nuqqas ta' l-esekuzzjoni, jew f'esekuzzjoni hazina, ta' l-obbligazzjoni rizultanti mill-kuntratt" (Kollez. Vol XXXVIII pI p292).

6. Jekk id-difetti huma ta' natura sostanzjali l-appaltatur mhux biss ghandu jitqies inadempjenti imma wkoll li ma jkollux dritt li jippretendi li jirrimedja ghad-difetti

fl-esekuzzjoni tax-xoghol (Tabone Vs Mifsud PA 5/10/1994).

Ikkunsidra

Illi filwaqt li Seabank Catering Company Limited gabu rapport ta’ perit biex juru li x-xoghol kien difettuz, Ghassan Aboulezz ma talabx li jigi nominat perit indipendenti u lanqas gab rapport ta’ perit. Illi mir-ritratti fir-rapport tal-perit jidher xoghol difettuz.

Illi skond ir-rapport tal-Perit Pierre Farrugia, Ghassan Aboulezz uza *skirting tiles* ta’ daqs differenti minn dak miftiehem. Illi m’hemmx provi fil-process li kien hemm ftehim dwar id-daqs ta’ l-i*skirting tiles* izda mir-ritratti jidhru li ntuzaw *tiles* ta’ daqs differenti. Illi dan mhux xoghol skond is-sengha. Illi Ghassan Aboulezz qal li uza dawn it-*tiles* ghaliex inghataw lilu. Illi skond is-sentenzi fuq imsemmija kien id-dover ta’ Ghassan Aboulezz li jara li x-xoghol huwa sew u mhux jaccetta *tiles* differenti.

Ghaldaqstant jilqa’ t-talba ta’ Sea Bank Catering Company Limited u jikkundanna lill-konvenut Ghassan Aboulezz sabiex ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tmien mija u ghaxar liri Maltin u tlett centezmi (Lm810.03c). Bl-ispejjez kontra l-konvenut.”

Minn din is-sentenza appella l-konvenut. Huwa qed jitlob ir-revoka taghha in bazi ghall-aggravju illi l-provi ma jwasslux ghall-affermazzjoni tar-responsabilita` tieghu ghad-danni mitluba. Biex isostni dan l-ilment tieghu huwa jghaddi biex jaghmel dawn is-sottomissjonijiet:-

(i) Ix-xoghol minnu ezegwit fil-kaz ta’ l-i*skirting* u tal-bordura sar tajjeb u jekk irrizultaw xi differenzi dawn ma kienux jiddependu mill-kwalita` tax-xoghol;

(ii) Min kien suppost qed jikkontrolla l-andament u l-kwalita` tax-xoghol hallih jaghmel xoghol allegatament hazin;

(iii) L-allegazzjonijiet li x-xoghol tieghu ma sarx sew kienu b' rejazzjoni ghall-azzjoni intavolata minnu ghall-hlas tal-bilanc dovut;

(iv) Huwa ma nghatax l-opportunita` biex jirranga d-difetti jew biex jirrimedja waqt il-kors ta' l-ezekuzzjoni tax-xoghol;

Jokkorri qabel xejn li jigu kjarament esposti l-fatti:-

(1) Il-konvenut gie kommissjonat mis-socjeta` attrici b' xoghlijiet ta' tqeghid ta' madum f' diversi kmamar fis-Sea Bank Hotel;

(2) Raymond Debono, direttur tal-kumpanija attrici u responsabbli mis-sorveljanza ta-xoghlijiet jghid li waqt l-ezekuzzjoni taghhom mill-konvenut huwa kien innota li whud minnhom ma kienux qed isiru kif suppost u meta gibed l-attenzjoni tal-konvenut dwarhom, dan wiegbu li fl-ahhar tax-xoghol, jirrangahom. B' mod specifiku dan ix-xhud jirreferi ghal difetti fil-qies ta' l-i*skirting*, id-dizlivelli fil-borduri tal-kmamar tal-banju u t-*toilets* ad uzu tal-pubbliku fil-pizzerija, u nuqqas ta' *grouting* efficjenti. Il-Perit Pierre Farrugia, imqabbad mis-socjeta` attrici, jikkonferma dawn id-difetti skond kif manifest mir-rapport tieghu (fol. 21);

(3) Ix-xhud Arthur Gauci, Financial Controller tas-socjeta`, responsabbli wkoll mill-kejl tax-xoghlijiet ezegwiti, jghid li l-kumpanija ghamlet xi xoghol riparattiv imma mhux kollox. Hekk ukoll jistqarr AIC Pierre Farrugia fid-deposizzjoni tieghu tat-12 ta' Jannar 2005. Anzi dan jippreciza li x-xoghol rimedjali in konnessjoni ma *skirting* u *tiles* fi kmamar 341 u 354 ma sarx. Dan ukoll fil-kaz tat-*trims* fit-*toilets* tal-pizzerija;

(4) Meta xehed fil-kawza l-ohra (Avviz Nru. 447/04) u li skond verbal a fol. 7, bi qbil, instemghet ma' dik prezenti (Avviz Nru. 477/04), il-konvenut, attur fil-kawza l-ohra, jiddikjara li hu segwa l-istruzzjonijiet lilu moghtija u lilu qatt ma qalulu li ghamel xi xoghol hazin. Jghid ukoll illi ghamel il-borduri f' livell differenti minhabba

li htieglu jghaddi ‘l fuq mill-*pipe* ta’ l-ilma li sar mill-*plumber*. Kwantu ghall-i*skirting* fil-kamra tal-banju jghid li dan ghamlu gholi skond il-materjal li gie provvdut mis-socjeta`;

Premessi dawn il-fatti, fl-istitut tal-kiri ta’ Xoghol u ta’ Industrija kif ukoll dak ta’ l-Appalt taht il-Kodici Civili taghna ma ghandniex disposizzjonijiet specifici dwar kwestjonijiet li jolqtu difformita` u vizzji fix-xoghol ezegwit u l-obbligu ta’ l-eleminazzjoni taghhom. M’ hemmx kwestjoni pero` li t-tutela moghtija lill-kommittent tinkwadra ruhha fl-ambitu ta’ dik ir-responsabilita` kontrattwali ghall-inadempiment mahsuba fid-disposizzjonijiet generali. Lill-kommittent jikkompetu diversi rimedji. Fost dawk disponibbli hemm l-azzjoni ghar-rizarciment tad-danni. Danni dawn li jridu dejjem ikunu f’ mizura korrispondenti ghall-ispiza mehtiega ghat-tnehhija tad-difetti fejn dawn jirrizultaw. Hi din l-azzjoni ghad-danni li giet ezercitata mis-socjeta` attrici appellata;

Dan precizat, huwa pacifiku illi presupposti tar-responsabilita` f’ min hu inkarigat mix-xoghlijiet huma l-ezekuzzjoni kompleta ta’ l-opra lilu affidata u skond ir-regoli ta’ l-arti. Jinkombi fuq il-kommittent li jipprova li dik ir-responsabilita` fl-appaltatur jew l-imqabbad mill-bicca xoghol kienet tiddifetta minhabba irregolaritajiet fl-ezekuzzjoni ta’ l-istess appalt jew tax-xoghol. Jaggrava wkoll fuqu li hu jiddenunzja tempestivament, meta maghrufa lilu, l-istess irregolaritajiet;

Fermi dawn il-kunsiderazzjonijiet guridici introduttivi, jirrizultaw, fil-hsieb tal-Qorti, fuq l-ezami taghha tal-provi processwali, illi:

(a) certu xoghol ezegwit mill-konvenut ma sarx kif titlob is-sengha u l-arti;

(b) il-konvenut inghata diffida minn min kien qed jikkontrolla x-xoghol li dan ma kienx qed isir sew u biex allura jissana d-difetti verifikati;

(c) il-konvenut irrikonoxxa l-ezistenza tad-difetti identifikati u, jekk wiehed jaccetta dak dikjarat mix-xhud Raymond Debono, impenja ruhu wkoll li jeliminahom. Meta hekk inhu l-kaz tali rikonoxximent, akkompanjat mill-impenn, jaghti lok ghall-obbligazzjoni awtonoma minn dik tar-rapport originarju;

Naturalment mis-sottomissjonijiet dedotti fl-aggravji tieghu, l-appellanti ma jaqbelx ma' dawn il-konstatazzjonijiet u l-provi tal-kontro-parti. Jokkorri ghalhekk li din il-Qorti twiegeb ghalihom b' dawn il-kunsiderazzjonijiet:-

(1) L-appellant jghid li hu segwa l-istruzzjonijiet lilu moghtija, komprizi dawk tal-*plumber*. Kontra dan ghandu jinghad illi kien jinkombi b' dover fuqu "*di resistere ad ordini che egli vedesse pregiudizievoli alla solidita` e contrarii alle buone regole dell' arte*" (**Kollez. Vol. XXV P I p 727**);

(2) Hu jilmenta wkoll illi min kien responsabbli mill-kontroll tax-xoghlijiet hallih jaghmel xoghol hazin. Ghal dan il-kazistika taghna taghti din it-twegiba: "L-appaltatur li jezegwixxi hazin ix-xoghol li jifforma l-oggett ta' l-appalt huwa responsabbli ghad-dannu li jigi minn dik l-ezekuzzjoni hazina tax-xoghol u dan avolja ghas-sorveljanza ta' dak ix-xoghol ikun hemm perit imqabbad mill-appaltat, jekk il-vizzju tax-xoghol ikun fil-lavorazzjoni …" (**Kollez. Vol. XXXVII P III p 883**);

(3) L-appellanti jissuggerixxi li s-socjeta` appellata kellha tirrivolgi ruhha lejh ghall-eleminazzjoni tad-difetti. Fuq dan il-punt jidher li d-duttrina legali ttendi versu dan il-hsieb. Ciononostante, il-gurisprudenza, kemm dik Taljana kif ukoll dik lokali, tinterpreta l-kliem "bi spejjez tad-debitur" (ara disposizzjoni generali ex-Artikolu 1127, Kodici Civili) fis-sens li l-kommittent jista' jipprovedi

direttament minghajr il-htiega ta’ ezekuzzjoni preliminari fil-konfront ta’ l-appaltatur (**Qorti Taljana ta’ Kassazzjoni, 1962, Numru 639**; “**Victor Tabone -vs- Felix Mifsud**”, Qorti Civili, Prim' Awla, per Imhallef Joseph Said Pullicino, 5 ta’ Ottubru 1994 fejn inghad a propozitu illi fejn id-difetti jkunu sostanzjali l-appaltatur mhux biss ghandu jitqies inadempjenti imma wkoll li ma jkollux dritt li jippretendi li jinghata l-opportunita` li jirrimedja ghad-difetti fl-ezekuzzjoni tax-xoghol);

(4) Il-fatt li s-socjeta` appellata pprocediet bl-azzjoni taghha ghad-danni, anke kieku stess b’ rejazzjoni ghat-talba ghall-hlas, ma jfisserx li ma setghetx tigi proposta tali azzjoni una volta accertati d-difetti. In fatti, kommittent li jkun imsejjah ghal hlas jista’ jopponi ruhu bl-eccezzjoni ta’ l-inadempjenza jekk id-difformita` fl-ezekuzzjoni tax-xoghol tkun effettivament tezisti jew ma tkunx ghadha giet eliminata;

Maghmula dawn l-osservazzjonijiet din il-Qorti ma ssibx raguni biex tiddissenti mir-ragonament u l-konkluzjoni tat-Tribunal kemm fir-rigward tar-responsabilita u tal-kwantum tad-danni, li, del resto, ma jirrizultax li gie kontestat.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tichad l-appell sottomess u konsegwentement tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez ta’ din l-istanza kontra l-konvenut appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------